

# Is-Siġġiewi u l-madwar

**Kitba ta' Mario Fenech**

Ir-raħal tas-Siġġiewi huwa wieħed mifrux sew mad-dawra tal-pjazza kbira ta' quddiem il-Knisja. Tista' tgħid li t-toroq fil-limiti tas-Siġġiewi jwasslu lejn ir-Rabat, Ħaż-Żebbuġ, Ħal Qormi, l-Qrendi u ż-Żurrieq.



*Ritratt Mario Fenech: Dhera tal-pjazza ewlenija tas-Siġġiewi fil-bidu tas-seklu għoxrin li magħha dak iż-żmien kienu jinfirxu wesgħat kbar ta' raba' u widien mhux mittiefsa.*

'Il barra mir-raħal ħafna raba b'xenarju mill-isbaħ u li jagħti nifs nadif mingħajr l-ebda tniġġiż li joħolqu l-vetturi fil-bliet u lokalijiet oħrajn li m'għandhomx dawn il-wesgħat bħal ma għandu r-raħal tas-Siġġiewi.

Dawn l-oqsma għandhom l-ismijiet tagħhom li ilhom ġejjin minn ġenerazzjoni għall-oħra, għal daqstant tajjeb li wieħed jieħu ħsiebhom biex ma jintilfux fil-progress mgħaġġel tallum.

Żewġ widien kbar jgħaddu mal-ġnub tar-raħal u dawn huma l-Wied taż-Żebbuġi u Wied Ħesri. Ismijiet oħrajn ta' widien iżgħar huma Wied Sant'Andrija, Wied tal-Lewħa, l-Wied ta' Ta' Brija, Wied tal-Fulija u l-Wied tal-Għajn il-Kbira, biex insemmu uħud minnhom.

Ismijiet ta' nħawi oħrajn huma tal-Ilsejjen, Ta' Manduca, tal-Girgenti, tal-Providenza u tax-Xema.

Kien hemm ukoll inħawi magħrufa bħala rħula żgħar (dawk li jissejħu *hamlets*) li l-isem tagħhom kien Ħal Xluq u Ħal Kbir.

Tliet isijiet ta' nħawi li żgur kulħadd xi darba jew oħra kellu l-okkażjoni li jżur biex jitpaxxa bil-veduti li hemm madwarhom huma nħawi tas-Salib tal-Għolja, l-Fawwara kif ukoll l-inħawi ta' Għar Lapsi.

L-ismijiet li semmejt f'dan l-artiklu huma ftit biss mill-ħafna li jgawdi kull min jgħix fir-raħal tas-Siġġiewi. Għaldaqstant bir-raġun li matul dawn l-aħħar snin numru kbir ta' nies sabu l-kenn tad-djar tagħhom f'dan ir-raħal sabiħ u kwiet.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.